Kunsill Lokali Pembroke
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

Pembroke Local Council
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Pembroke**

# SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 04/2019

**Il-Ħamis 28 ta' Marzu, 2019**

Il-Kunsill Lokali Pembroke ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Alamein, Pembroke, fil-5:30 ta' wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**

Dean Hili – Sindku
Raymond Lanzon – Viċi Sindku
Désirée Vella Brincat – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Mark Causon – Kunsillier **(Dok. 1)**
Charles Cesare – Kunsillier **(Dok. 2)**

**ASSENTI**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Kevin Borg – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Dean Hili ppresjeda l-laqgħa.

## 04.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji.

04.1.1 Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill, li l-Kunsillier Mark Causon u l-Kunsillier Charles Cesare kienu talbu li jiġu skużata. Il-kelliem ippropona li l-Kunsill jaċċetta dawn l-ittri t'apoloġija. **(Dok. 1 u 2)**

04.1.2 Il-Kunsillier Désirée Vella Brincat issekondat.

04.1.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 04.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 03/2019.

04.2.1 Is-Sindku Dean Hili ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 03/K7/2019 kif ippreżentati.

04.2.2 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

04.2.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 04.3 Komunikazzjoni mis-Sindku.

**46/0800/19/I** Stima mingħand Global Security Malta għall-provvista ta' paramedics għal waqt l-attività tal-Kunsill għall-prezz ta' €141.60.

04.3.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0800/19/I** fejn ippropona li l-Kunsill japprova tali stima.

04.3.2 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

04.3.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0828/19/I** Stima mingħand Pembroke Athleta Sports Club għall-provvista ta' referìs għal waqt l-attività tal-Kunsill għall-prezz ta' €594.00.

**46/1069/19/I** Email mingħand Pembroke Athleta Football Club jirrakkomandaw lill-Kunsill li t-turnament isir fuq dati differenti minn dak mitlub mill-Kunsill minħabba loġistika.

04.3.4 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0828/19/I u 46/1069/19/I** fejn ippropona li l-Kunsill japprova tali stima. Dwar il-proposta li t-turnament isir f'jiem differenti, il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni imma jesiġi li l-festival isir fuq tmiem il-ġimgħa waħda sabiex jinżamm mal-istess budget u għalhekk għandhom jinstabu dati alternattivi b'konsultazzjoni u bl-approvazzjoni tal-Kunsill.

04.3.5 Il-Kunsillier Désirée Vella Brincat issekondat.

04.3.6 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0817/19/I** Email mingħand l-Awtorità tad-Djar dwar Skema 2 – Programm ta' manutenzjoni fil-binjiet tal-Gvern (2017-2020).

**46/0861/19/I** Email mingħand l-Awtorità tad-Djar b'lista ta' blokki li jistgħu jibbenefikaw mill-iskema – Programm ta' manutenzjoni fil-binjiet tal-Gvern (2017-2020).

**46/0867/19/I** Email mingħand l-Awtorità tad-Djar b'appendiċi A – Programm ta' manutenzjoni fil-binjiet tal-Gvern (2017-2020).

04.3.7 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0817/19/I, 46/0861/19/I u 46/0867/19/I** fejn ippropona li l-Kunsill jitlob lill-Awtorità tad-Djar biex jikkunsidraw li l-fondi allokata għall-lokal ta' Pembroke jintużaw biex isir upgrading madwar Blokk 10 Triq il-Battalja ta' Malta.

04.3.8 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

04.3.9 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0878/19I** Risposti mis-Sindku u l-Kunsilliera dwar il-proposta tal-Moviment Graffitti għall-pass li jmiss vis-a-vis il-permess maħruġ lill-Grupp db.

**46/0982/19/I** Email mingħand Moviment Graffiti jinfurmaw lill-Kunsill li dwar il-proġett approvat lill-Grupp db, il-pass li jmiss huwa li jibdew proċeduri legali l-Qorti.

04.3.10 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0878/19/I u 46/0982/19/I** fejn ippropona li l-Kunsill, skond dak miftiehem permezz tal-email ikompli jsegwi l-appell u l-kawża għal *judicial review* pendenti fil-Qrati Maltin. Il-kelliem irrimarka wkoll li tali azzjonijiet m'humiex intiża biex jitwaqqaf it-twettieq tal-proġett ladarba kien hemm deċiżjoni mill-Bord tal-appell tal-PA.

04.3.11 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

04.3.12 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0887/19/I** Konferma mingħand Sport Malta tal-commitment dwar l-upgrading tas-sit ta' Ġnien Jum Pembroke.

04.3.13 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0887/19/I** fejn ippropona li l-Kunsill jibda l-proċess sabiex tibda titħejja BOQ u t-tender għax-xogħol kollu meħtieġ. Il-Kelliem ippropona wkoll li minbarra l-committment minn Sport Malta, il-Kunsill għandu jara li jsir ix-xogħol kollu meħtieġ inkluż dawl, art ġdida, monitoraġġ permezz ta' sistema CCTV (jekk permessibbli skond il-GDPR), apparat ta' *outdoor gym* etc. b'dana illi jekk l-għotja ta' Sport Malta ma tkoprix l-ispiża li ser ikun hemm, il-Kunsill ikompli l-proġett mir-riżorsi tiegħu.

04.3.14 Il-Kunsillier Désirée Vella Brincat issekondat.

04.3.15 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0894/19/I** Stima ta' €6,328.60 (eskluż il-Vat) mingħand J&K Contractors Ltd. biex jiġi rranġat il-planter ta' bejn Triq Normandy u Triq il-Battalja ta' Malta, wara l-ħsara li ġarrab bil-maltemp.

04.3.16 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0894/19/I** fejn ippropona li l-Kunsill japprova tali stima u jiġi ordnat ix-xogħol u li kemm u fejn hu possibbli, l-ġebel li jifforma l-istess planter għandu jiġi utilzzat fix-xogħol meħtieġ fuq il-ħitan ta' wara Blokk 10 li l-Kunsill diġa ddeċieda li għandu jogħla sabiex tiġi miżmuma aħjar il-ħamrija li hemm fis-sit.

04.3.17 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

04.3.18 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0957/19/I** Stima mingħand Ivan Attard għall-provvista ta' litter bin liners għall-prezz ta' €50.00 il-wieħed.

04.3.19 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0957/19/I** fejn ippropona li l-Kunsill għandu jieħu deċiżjoni wara li tiġi esplorata l-iskema li ser jipprovdi d-DGL dwar l-installazzjoni ta' smart bins.

04.3.20 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

04.3.21 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0976/19/I** Email mingħand TP Operations Ltd. (Telepizza) jitolbu l-permess tal-Kunsill biex isiru numru ta' Ubars fil-lokal li lesti li jirreklamaw fuqhom.

04.3.22 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0976/19/I** fejn ippropona li hemm uħud minnhom li huma aċċettabbli għall-Kunsill filwaqt li rrimarka li hemm postijiet minnhom li ser jiġu koroh ħafna, filwaqt li dawk proposta fin-naha ta' San Ġorġ huma aċċettabbli.

04.3.23 Il-Kunsillier Désirée Vella Brincat issekondat.

04.3.24 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1007/19/I** Stima mingħand Red Cross għal servizz ta' ambulanza għall-attivita' li ser issir nhar il-31 ta' Marzu.

04.3.25 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1007/19/I** fejn ippropona li l-Kunsill japprova parti minn din in-nefqa kif diskuss ukoll mal-organizzaturi.

04.3.26 Il-Kunsillier Désirée Vella Brincat issekondat.

04.3.27 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1025/19/I**
**46/1043/19/I** Proposta mingħand is-sur Stephen Saliba vis-a-vis l-iskema art in public spaces 2019-2021 maħruġa mill-Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali.

04.3.28 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1043/19/I** fejn ippropona li l-Kunsill jaċċetta l-proposta ntavolata.

04.3.29 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

04.3.30 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1026/19/I** Email mingħand id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali jinfurmaw lill-Kunsill li l-Kunsill ibbenefika minn €1,275.00 biex isir parti minn outdoor gym mill-iskema favur Komunita' Ħajja aħjar permezz ta' Eżerċizzju Fiżiku u Sports.

04.3.31 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1026/19/I** fejn ippropona li l-Kunsill għandu jutilizza dawn il-fondi fejn huma proposti u jara li jiġi ordnat ix-xogħol meħtieġ.

04.3.32 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

04.3.33 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1045/19/I** Email mingħand Nature Trust (Malta) jitolbu l-permess tal-Kunsill biex nhar is-Sibt 13 ta' April 2019, fis-sala tal-Kunsill issir laqgħa għar-residenti dwar l-intervent li ser isir fuq is-sit Natura 2000 u dan fuq rakkomandazzjoni tal-ERA stess.

04.3.34 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1045/19/I** fejn ippropona li l-Kunsill jilqa` din it-talba u jipprovdi l-ispazju kif mitlub.

04.3.35 Il-Kunsillier Désirée Vella Brincat issekondat.

04.3.36 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1051/19/I** Applikazzjoni mingħand resident għal reserved parking bay għall-persuni b'diżabilità fi Trejqet Antonio Mallia

04.3.37 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1051/19/I** fejn ippropona li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni għal din it-talba umanitarja.

04.3.38 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

04.3.39 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1081/19/I** Email mingħand id-DGL dwar il-proposta li jsiru smart bins fil-lokalitajiet biex jinbidlu dawk eżistenti.

04.3.40 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1081/19/I** fejn ippropona li l-Kunsill ghandu jikkoordina mal-Contracts Manager sabiex iħejji rapport dwar il-bins eżistenti fil-lokalita` u jipproponi fejn hemm lok li jiġu installata oħrajn ġodda inkluż x'tip ta' bins għandhom ikunu.

04.3.41 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

04.3.42 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1093/19/I** Talba biex issir mera tat-traffiku fi Triq Alamein faċċata tal-entratura fejn kien hemm l-iskola primarja l-antika.

04.3.43 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1093/19/I** fejn ippropona li l-Kunsill jordna u jinstalla l-mera mitluba.

04.3.44 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

04.3.45 Il-Kunsill qabel unanimament.

04.3.46 Is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill għandu jippubblika fuljett żgħir biex fih jingħata rendikont tax-xogħol kollu li sar tul din il-leġislatura.

04.3.47 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

04.3.48 Il-Kunsill qabel unanimament.

04.3.49 Is-Sindku Dean Hili rrimarka li rċieva lment mingħand resident fi Triq Mons. Mifsud Tommasi, li meta tagħmel ix-xita, bl-ilma li joħroġ mis-sit tal-MUSEUM, qed jispiċċa jeriqlu l-garaxx li għandu fil-basement. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li l-Kunsill jagħmel test permezz ta' bowser tal-ilma ħalli jiġi ddentifikat it-traġitt tal-ilma li jkun ħiereġ.

04.3.50 Il-Kunsillier Désirée Vella Brincat issekondat.

04.3.51 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 04.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

04.4.1 Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet, is-Sindku Dean Hili għadda għall-item li kien imiss.

## 04.5 Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet.

04.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg ippreżenta lill-Kunsill:

- **Internal Memo 08/2019** - Rapport tal-intervisti għall-vakanza ta' librar/a **(Dok. 3)**
- **Internal Memo 09/2019** – Rapport tal-intervisti għall-vakanza ta' skrivana/a **(Dok. 4)**
- **Internal Memo 10/2019** - Lista ta' works orders maħruġa bejn laqgħa referenza 03/K7/19 u 04/K7/19 **(Dok. 5)**
- **Internal Memo 11/2019** - Lista ta' laqgħat li saru bejn laqgħa referenza 03/K7/18 u 04/K7/19 **(Dok. 6)**

04.5.2 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għal **Internal Memo 10/2019** dwar works orders maħruġa bejn laqgħa u oħra, fejn ippropona r-ratifikazzjoni tagħhom, liema works orders inħarġu skond l-esiġenzi li kellu l-Kunsill.

04.5.3 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

04.5.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 04.6 Post ta' librar/a.

04.6.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-**Internal Memo 08/2019** u għall-korrispondenza **46/0977/19/O** u **46/0978/19/I** fejn ippropona li l-Kunsill jilqa' ir-rakkomandazzjoni tal-Bord u għalhekk tintgħażel Ms. Josianne Micallef għall-post ta' Librara.

04.6.2 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

04.6.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 04.7 WEEE.

04.7.1 Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li l-Kunsill kien mexa mal-linji gwida tad-DGL u kien avviċina liż-żewġ skemi biex jissottomettu l-proposta tagħhom. Il-kelliem irrimarka li l-Kunsill kien rċieva rispons biss mingħand GreenPak Coop Ltd. **(46/0973/19/I)** u għalhekk ippropona li din tiġi aċċettata kif proposta.

04.7.2 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

04.7.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 04.8 Post vakanti għal-skrivan/a full time fi Skala 15.

04.8.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-**Internal Memo 09/2019** fejn ippropona li l-Kunsill jilqa' ir-rakkomandazzjoni tal-Bord u għalhekk il-vakanza għandha tibqa' mftuħa sal-5 ta' April 2019.

04.8.2 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

04.8.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 04.9 Jum Pembroke 2019.

04.9.1 Is-Sindku Dean Hili talab lill-membri tal-Kunsill sabiex sal-laqgħa li jmiss il-Kunsill joħroġ bi programm draft.

## 04.10 Ħatra ta' membri għall-Bord tal-aġġudikar tal-offerti.

04.10.1 Is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Bord tal-aġġudikazzjoni tal-offerti PLC/T/01/2019 - Provision of Qualified Accountant Services għandu jkun kompost minnu bħala Chairman, mill-Avukat tal-Kunsill, minn Accountant estern u mill-CM tal-Kunsill, filwaqt li l-Bord tal-aġġudikazzjoni tal-offerti PLC/T/02/2019 - Collection of Bulky Refuse and WEEE from the locality of Pembroke, using low emission transport għandu jkun kompost minnu bħala Chairman, mill-Avukat tal-Kunsill, mill-Accountant tal-Kunsill u mill-CM tal-Kunsill.

04.10.2 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

04.10.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 04.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti.

04.11.1 Is-Sindku Dean Hili ppreżenta l-iskeda tad-dħul u ħruġ. **(Dok. 7, 8, 9 u 10)**

04.11.2 Wara li l-Kunsilliera raw u skrutinaw il-kontijiet ippreżentati, is-Sindku Dean Hili ppropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif ippreżentata.

04.11.3 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

04.11.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 04.12 Mozzjonijiet.

04.12.1 Is-Sindku Dean Hili nforma li ma kienu daħlu ebda mozzjonijiet u għalhekk għadda għall-item li kien imiss.

## 04.13 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

04.13.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7:00pm u ġiet aġġornata għal-Erbgħa 24 ta' April 2019 fil-5:30pm.

Konfermati, Ilum 24 ta' April, 2019

**IFFIRMATA**
Avv. Dean Hili
**Sindku**

**IFFIRMATA**
Kevin Borg
**Segretarju Eżekuttiv**

Dok1

## Pembroke Local Council at Local Councils

**From:** mark causon <causonmark@hotmail.com>
**Sent:** 22 March 2019 17:01
**To:** Pembroke Local Council at Local Councils; Cesare Charles at Cleansing and Maintenance; Charles Cesare - 2; Hili Dean at Local Councils; Dean Hili; Desiree Vella Brincat; Borg Kevin at Local Councils; Lanzon Raymond at Local Councils; Ray Lanzon
**Subject:** RE: Laqgha tal-Kunsill 04/K7/2019

Dear kumbinazzjoni mghux ser inkun Malta!!!

Kevin kindly excuse me since I will be abroad on work leaving tomorrow.
Regards
Mark

---

**From:** Pembroke Local Council at Local Councils [mailto:pembroke.lc@gov.mt]
**Sent:** 22 March 2019 14:46
**To:** Cesare Charles at Cleansing and Maintenance <charles.cesare@gov.mt>; Charles Cesare - 2 <cesarec66@gmail.com>; Hili Dean at Local Councils <dean.hili@gov.mt>; Dean Hili <deahili@gmail.com>; Desiree Vella Brincat <desiree@vellabrincat.com>; Borg Kevin at Local Councils <kevin.a.borg@gov.mt>; Lanzon Raymond at Local Councils <raymond.a.lanzon@gov.mt>; Mark Causon <causonmark@hotmail.com>; Ray Lanzon <raymondlanzonpembrokecouncil@gmail.com>
**Subject:** Laqgha tal-Kunsill 04/K7/2019

Lill-membri kollha tal-Kunsill

Anness qed nibgħat kopja ta' dokumenti li ser jiġu preżentati u / jew diskussa fil-laqgħa li jmiss.

Tislijiet,


Kevin Borg
Executive Secretary
Local Council Pembroke
Administration

t +356 21372111 e kevin.a.borg@gov.mt
www.localgovernment.gov.mt | www.publicservice.gov.mt

MINISTRY FOR JUSTICE, CULTURE AND LOCAL GOVERNMENT
PEMBROKE LOCAL COUNCIL, TRIQ ALAMEIN, PEMBROKE, MALTA



Valletta 2018 - European Capital of Culture www.valletta2018.org
*Kindly consider your environmental responsibility before printing this e-mail*



Kunsill Lokali
Pembroke
22 MAR 2019
46/1050/19/1

Dok 2

**Pembroke Local Council at Local Councils**

| | |
|---|---|
| **From:** | cesarec66 <cesarec66@gmail.com> |
| **Sent:** | 28 March 2019 16:32 |
| **To:** | Pembroke Local Council at Local Councils |

Kevin

Nitlobkhom tizkuzawni ghal laqgha tal illum imhabba li qieghed l-isptar ma Ommi fuq emergenza.

Grazzi
Charles Cesare

Sent from my Samsung Galaxy smartphone.

Kunsill Lokali
Pembroke
29 MAR 2019
46 / 1127 / 19 / I

Dok 3

**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Internal Memo Referenza 08/2019** **22 ta' Marzu 2019**

# Vakanza ta' Librar/a

L-applikazzjonijiet għalqu nhar il-Ġimgħa 22 ta' Frar 2019. Mad-data tal-għeluq il-Kunsill rċieva 11-il applikazzjoni.

L-intervisti saru nhar l-Erbgħa 13 ta' Marzu 2019 fejn kienu preżenti għall-Kunsill is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg u għad-Dipartiment tal-Libreriji Ms. Margaret Zammit u Ms. Doreen Zammit.

Wara li saru l-intervisti, il-bord qed jirrakkomanda li tintgħażel Ms. Josianne Micallef.

Kevin Borg
***Segretarju Eżekuttiv***

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċirkolata lill-Kunsilliera**

PEMBROKE

**Sindku** : Dean Hili LL. D. **Viċi Sindku** : Raymond Lanzon
**Kunsilliera** : Mark Causon, Charles Cesare u Désirée Vella Brincat
**Segretarju Eżekuttiv** : Kevin Borg

**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Dok 4

**Internal Memo Referenza 09/2019** **22 ta' Marzu 2019**

# Vakanza ta' Skrivan/a

L-applikazzjonijiet għalqu nhar il-Ġimgħa 1 ta' Marzu 2019. Mad-data tal-għeluq il-Kunsill rċieva 14-il applikazzjoni.

L-intervisti saru nhar l-Erbgħa 20 ta' Marzu 2019 fejn kienu preżenti għall-Kunsill is-Sindku Dean Hili, il-Kunsillier Charles Cesare u is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg.

Wara li saru l-intervisti, il-bord qed jirrakkomanda li l-vakanza tibqa' miftuħa peress li għall-intervisti attenda persuna waħda biss u ma laħaqx il-livell mixtieq.

Kevin Borg
***Segretarju Eżekuttiv***

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċirkolata lill-Kunsilliera**

PEMBROKE

**Sindku** : Dean Hili LL. D. **Viċi Sindku** : Raymond Lanzon
**Kunsilliera** : Mark Causon, Charles Cesare u Désirée Vella Brincat
**Segretarju Eżekuttiv** : Kevin Borg

**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Dok 5

**Internal Memo Referenza 10/2019**

**28 ta' Marzu 2019**

# Lista ta' works orders li jinħtieġ li jiġu ratifikata bejn il-Laqgħa 03/K7/19 u 04/K7/19

| Referenza | | Kuntrattur | Xogħol ordnat |
|---|---|---|---|
| 49 | 2019 | Mica Med | Lampa fi Triq Jos. E. Debono, Triq Don Luigi Rigord |
| 50 | 2019 | Pembroke Self Service | 300 tuffieħa biex jintużaw fl-attivita' Science Safari 2019 |
| 51 | 2019 | B. Grima & Sons | Jiġu rranġata diversi tabelli u mirja wara l-maltemp |
| 53 | 2019 | Carmel Mifsud | Zbir u qtugh ta' sigar wara l-maltemp |
| 54 | 2019 | Mica Med | Tigi rranġata lampa W07446 fi Triq Napuljun Tagliaferro |
| 55 | 2019 | DOI | Advert re Tenders 01 & 02/2019 |
| 56 | 2019 | I.V. Portelli & Sons. Limited | Materjal extra li ser jintuża f'sistema ta' drip irrigation u pompi tra-roundabout inkluż manutenzjoni ta' pompa |
| 57 | 2019 | B. Grima & Sons | Issir manutenzjoni ta' tabelli li hemm madwar ir-roudabout fejn il-lukanda Corinthia |
| 58 | 2019 | Malta Red Cross | Jipprovdu s-servizz ta' żewġ ambulanzi - girjiet annwali |

Kevin Borg
***Segretarju Eżekuttiv***

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera**

PEMBROKE

**Sindku** : Dean Hili LL. D. **Viċi Sindku** : Raymond Lanzon
**Kunsilliera** : Mark Causon, Charles Cesare u Désirée Vella Brincat
**Segretarju Eżekuttiv** : Kevin Borg

Kunsill Lokali Pembroke
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Pembroke Local Council
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Dok 6

**Internal Memo Referenza 11/2019**

**28 ta' Marzu 2019**

# Laqgħat li saru bejn il-Laqgħa 03/K7/19 u 04/K7/19

| Data | Suggett | Post | Min attenda |
|---|---|---|---|
| 06/03/19 | Nirricikla Għall-Istrina 2018 Ceremony | San Anton | Kevin Borg |
| 12/03/19 | Trees & Woodlands Protection Regulations, 2018 | Qawra | Kevin Borg |

Kevin Borg
***Segretarju Eżekuttiv***

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera**

PEMBROKE

**Sindku** : Dean Hili LL. D. **Viċi Sindku** : Raymond Lanzon
**Kunsilliera** : Mark Causon, Charles Cesare u Désirée Vella Brincat
**Segretarju Eżekuttiv** : Kevin Borg